# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 449/2012**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Paul Cuschieri**
**Robert GALEA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-23 ta' Frar 2021 fil-konfront ta' Robert GALEA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 229581M) u Paul Cuschieri fejn ġew mixlija talli:

Matul il-jum tal-21 ta' April 2012 ġewwa Bormla :-

(i) Ikkomettew serq ta' oġġetti minn Triq Wiġi Rosato, Bormla liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Ewro 232.94) għad-detriment ta' Michaela Bianco u/jew persuna jew persuni oħra;

(ii) U aktar talli fl-istess data u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċjoe' għamlu ħsara f'oġġetti, liema ħsarat li huma ta' aktar minn mija u sittax -il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Ewro 116.47) u dan sar għad-dannu tal-istess Michaela Bianco u/jew persuni oħra;

(iii) U aktar talli fl-istess data u ċirkostanzi rrendew ruħhom reċedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

(iv) U lil Robert GALEA waħdu talli matul il-jum tal-21 ta' April 2012 kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi kkometta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt perjodu ta' sentenza sospiża għal sentejn mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fl-24 ta' Frar 2011.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fir-rigward ta' Robert GALEA, fuq ammissjoni sabet lill-imputat qua appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 325, 49, 50 u 289 kif ukoll tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u ikkundannatu għall-perjodu ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għall-sentejn mid-data tas-sentenza fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet filwaqt li għal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni, hija rrendiet eżegwibbli mid-data tas-sentenza, is-sentenza ta' priġunerija sospiża li kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli fil-24 ta' Frar 2011.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi GALEA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħoġobha tikkonferma s-sentenza appellata għal dik li hi sejbien ta' ħtija iżda tirriformaha in kwantu għall-piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

> Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu huwa jilmenta li l-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għall-sentejn kif ukoll id-deċiżjoni li trendi eżegwibbli s-sentenza sospiża datata 24 ta' Frar 2011 hija waħda sproporzjonata u eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. Illi di piu' il-Qorti tal-Maġistrati kellha wkoll tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li dan il-każ seħħ disa' snin ilu. Illi għalhekk jekk l-appellant jintbagħat jiskonta sentenza ħabs ħadd mhu ħa jkun qiegħed jibbenefika minn tali sentenza. L-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunita' tagħti ċans ieħor lill-esponent bħala inċentiv sabiex jimxi fit-triq it-tajba iżda għażlet li taċċenna l-fatt li l-esponent għandu fedina penali kkulurita

u għalhekk tagħtu sentenza sospiża u rrendiet is-sentenza l-oħra li kien ingħata mill-Maġistrat Saviour Demicoli eżegwibbli. Illi l-esponent għamel ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Illi l-esponent ukoll dejjem ikkowopera bis-sħiħ mal-Prosekuzzjoni.

Illi jingħad ukoll li meta l-appellant wettaq ir-reati kellu problema serjissima ta' droga liema problema llum huwa rnexxilu jegħlibha waqt li qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs billi kkompleta l-programm ta' riabilitazzjoni b'suċċess u sejjer tajjeb ħafna kemm fl-imġieba tiegħu u kemm fid-determinazzjoni tiegħu li ma jerġax jaqa' fil-vizzju tad-droga liema prova ħa tinġieb waqt is-smiegħ ta' dan l-appell.

Illi bid-dovut rispett l-appellant jirrileva illi sfortunatament l-ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx dan kollu fil-konfront tiegħu meta ġiet sabiex tapplika l-piena.

Illi l-Qrati u l-ġurisprudenza nostrana dejjem għalmu li persuna jkollha kemm ikollha kondotta kkulurita għandha tingħata ċans li tirriforma, dejjem jekk turi x-xewqa li tagħmel dan.

Illi fil-każ odjern l-esponent tista' tgħid llum huwa persuna mibdula u persuna riformata billi rnexxielu jegħleb il-problema severa ta' droga li kellu. Huwa ammetta l-iżball li għamel u rreġistra ammissjoni. Għaldaqstant ikun ta' detriment kbir għalih illi jintbagħat fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fuq reati li seħħew disgħa snin ilu meta l-esponenti llum mhuwhiex dik il-persuna li kien disa' snin ilu[1].

Illi huwa minnu li skont il-Liġi jekk persuna tingħata sentenza sospiża u reat ieħor jiġi kommess mill-ħati fiż-żmien tal-perjodu operattiv kif impost mill-Qorti li tkun, is-sentenza sospiża tiġi attivata u b'hekk il-ħati jeħel kemm il-piena tar-reat il-ġdid kommess minnu kif ukoll il-piena sospiża mill-Qorti li tkun ordnat l-applikazzjoni tagħha. Illi madanakollu permezz tal-Artikolu 28B(2) hemm eċċezzjoni għal din ir-regola liema eċċezzjoni tapplika f'ċirkostanzi partikolari u tista' tkun sostanzjata mill-Qorti.

Kif jirriżulta mill-Artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti għandha l-fakolta' li tastjeni milli ġġib fis-seħħ sentenza sospiża (paragrafu a) jew li tibdel l-ordni oriġinali (paragrafu b) meta r-reat li jiġi kommess matul il-perjodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew f'każ ta' reat ta' xort'oħra il-Qorti ma tkunx jidhrilha li jkun ġust li s-sentenza tinġieb fis-seħħ. Fl-aħħar każ il-Qorti għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex ma tkunx ġabet fis-seħħ is-sentenza sospiża.

Illi għaldaqstant umilment jintqal illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx ġusta meta rrendiet is-sentenza sospiża li huwa ngħata mill-Maġistrat Saviour Demicoli eżegwibbli u ma estendietlux is-sentenza

---

[1] L-appellant għamel referenza għall-każistika fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**, **Il-Pulizija vs. Charlot Aquilina**, **Il-Pulizija vs. Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**.

sospiża għall-perjodu ieħor. F'każijiet simili fejn lanqas biss l-esponenti f'dik il-kawża kien għamel progress daqs l-esponenti appellant, il-Qorti ukoll ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u tat ċans ieħor lill-esponenti appellant f'dik il-kawża.[2]

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi l-imputati Cuschieri u l-appellant GALEA dehru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Jannar 2015 fejn wara li sar l-eżami tagħhom skont il-Liġi, huma rreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u nhar it-23 ta' Frar 2021 ingħatat is-sentenza kif ingħad aktar 'il fuq.

5. GALEA appella minn din is-sentenza fejn l-uniku aggravju minnu mressaq kien fir-rigward tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ilmenta mill-eċċessivita' u l-sproporzjonalita' tal-istess fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tar-riabiltazzjoni tiegħu matul iż-żmien.

6. Sussegwentement, fil-mori ta' dan l-appell quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-appellant intavola rikors datat 11 ta' Mejju 2021 fejn ressaq talba ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħa billi tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. B'rabta ma' din it-talba l-appellant ippreżenta nota datata 20 ta' Mejju 2021 fejn talab illi jinstemgħu s-segwenti xhieda: i) Dr. Moses Camilleri ii) l-Uffiċjal tal-Probation Rona Custo iii) Rianne Psaila; iv) Joanne Buhagiar Fiott; v) persuna nkarigata mit-teħid tal-urine tests fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

7. Illi mbagħad nhar it-22 ta' Lulju 2021, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant GALEA biex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ppreżenta żewġ noti separati fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-waħda datata 8 ta' Novembru 2022 u l-oħra nhar l-4 ta' Jannar 2023 fejn infurmaw lil din il-Qorti li l-appellant temm b'suċċess il-'care plan' li

[2] L-appellant għamel referenza għal każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Rapinett**.

ġiet imħejjija għalih u l-proċess ta' riabilitazzjoni tiegħu u dan b'referenza għall-kawżi 136/2017, 449/2012/1 u 200/18.

**Ikkunsidrat**

9. Illi kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga irraporta lura lil din il-Qorti li l-proċess ta' riabiltazzjoni ta' GALEA kien wieħed pożittiv. Din il-Qorti rat ukoll li skont dak li xehdet l-Uffiċjal tal-Probation Rhona Agius Custo bħala persuna li kienet ilha ssegwieh sa mill-2015 kif ukoll minn dak li xehed Dr. Moses Camilleri bħala t-tabib kuranti tiegħu sa mill-1998, l-appellant kien ilu żmien twil afflitt minn diversi problemi psikoloġiċi prinċipalment dovuti għad-dipendenza akuta tiegħu minn sustanzi lleċiti. Dr. Camilleri xehed kif id-dipendenza akuta tal-appellant mid-droga erojina kienet ilha radikata fih sa minn l-eta' ta' sbatax-il sena. Kif jirriżulta wkoll minn paġna 118 tax-xhieda tal-istess, jidher li din il-problema ta' droga tal-appellant tant kienet waħda serja li kienet qiegħda tħalli effett negattiv fl-oqsma kollha ta' ħajtu.

10. Għaldaqstant jista' jitqies li ġie sodisfaċentement ippruvat tal-inqas fuq bażi ta' probabilitajiet li r-reati li tagħhom ġie mixli bihom f'dawn il-proċeduri u li minħabba fihom ġie rreferut lill-Bord, kienu sostanzjalment attriwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

11. Dan ikun ifisser li l-appellant GALEA jikkwalifika għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7)(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati, jew f'dan l-istadju, f'każ fejn din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija tkun tista' ma timponix il-piena mandatorja ta' priġunerija effettiva u minflok tista' timponi piena alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew piena karċerarja b'effetti sospiżi ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Għalkemm l-appellant GALEA ressaq talba sabiex il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, huwa xorta waħda ma rrinunzjax għar-rikors ta' appell tiegħu. Madanakollu, jirriżulta li l-uniku aggravju mqajjem mill-appellant huwa dak li jikkonċerna l-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn mogħtija ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll għad-deċiżjoni li rrendiet eżegwibbli s-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Frar 2011. Jingħad ukoll li fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet premessi huwa kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu.

13. Illi kif ingħad, l-appellant qiegħed isegwi b'suċċess il-'care plan' li ġie imfassal għalih mill-Bord ta' Riabiltazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għal dan l-iskop. Dan l-uniku aggravju tal-appellant konċernanti l-piena nflitta jistħoqqlu li jintlaqa'. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu, din il-Qorti mhix sejra tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija hekk kif lanqas sejra teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija jew tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation liema esklużjoni kienet altrimenti mhix permessa mil-Liġi stess ai termini tal-Artikolu 28A(7) tal-Kodiċi Kriminali.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**(i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-imputat appellant u dan stante l-ammissjoni tiegħu magħmula skont il-Liġi;**

**(ii) tikkonfermaha f'dik il-parti konċernanti l-piena nflitta għar-rigward is-sejbien ta' ħtija għall-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjoni;**

**filwaqt li:**

**(iii) tħassarha f'dik il-parti konċernanti piena għar-raba' imputazzjoni nonche' l-ksur ta' dik is-sentenza sospiża datata 24 ta' Frar 2011 u fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li trendieha eżegwibbli, b'dan li din il-Qorti tordna sabiex il-perjodu operattiv ta' sentejn ta' dik l-istess sentenza jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid u dan mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti wkoll qiegħda twissi wkoll lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**